**STQARRIJA**

**WIRTNA - OUR LEGACY**

Aħna, hawn taħt iffirmati, f'isem entitajiet impenjati fil-kamp tal-wirt kulturali f'Malta u Għawdex,

***Nagħmlu riferenza*** għad-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji fil-Kostituzzjoni ta' Malta, u, b'mod partikulari, għall-Artiklu 9 li jistipula li "l-Istat għandu jissalvagwardja l-paesaġġ u l-patrimonju storiku u artistiku tan-Nazzjon";

***Konxji*** tal-fatt li aħna lkoll nqattgħu parti kbira minn ħajjitna fl-ambjent mibni, kemm fid-dar, fuq il-post tax-xogħol, f'postijiet ta' tagħlim, taħrig, negozju, jew mistrieħ, u li għalhekk l-ambjent mibni għandu impatt qawwi fuq il-kwalita' tal-ħajja taċ-ċittadini ta' dawn il-gżejjer;

***Mħassba*** dwar it-tibdiliet mgħaġġla li qed iseħħu, u li b'mod drammatiku u irriversibbli qegħdin ibiddlu l-karattru arkitettoniku, id-dehra tat-toroq, u l-profil tal-bjut ta' l-ibliet u l-irħula tagħna, li evolvew, b'mod bilanċjat, fuq medda ta' diversi ġenerazzjonijiet, u li issa jinsabu mhedda serjament u f'riskju ċar li jintilfu ghal kollox;

***Allarmati*** bil-pressjonijiet bla preċedent tas-settur tal-kostruzzjoni li qeghdin jiżdiedu saħansitra fiż-Żoni ta' Konservazzjoni Urbana, u li qed iwasslu għal qerda bla ħsieb tal-wirt mibni, jew wirt kulturali ieħor, f'dawn iż-żoni, b'mod li qed ifaqqar il-kwalita' tal-ambjent urban tagħna;

***Mħassba*** dwar il-fatt li s-sistemi ta' ippjanar tagħna sikwit jiffavorixxu l-ispekulazzjoni, aktar mill-bżonnijiet iżjed fundamentali tas-soċjetá, u mħassba biż-żieda ta' permessi għat-twaqqiegħ ta' bini storiku, mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni għall-valur tagħhom, kemm dak arkitettoniku, kulturali jew soċjali, li huma importanti għall-kommunita';

***Konvinti*** li l-bini storiku, u l-firxa aktar wiesa' tal-wirt kulturali, huma assi li għandhom valur ekonomiku reali, u li jwasslu għat-tkattir tal-ġid, jekk inqegħduhom f'kuntest ta' ippjanar għal żvilupp sostenibbli;

***Konxji*** mill-importanza tal-fdalijiet arkeoloġici, li jirrappreżentaw parti unika u imprezzabbli tal-wirt kulturali Malti, u tas-sinifikat akbar tagħhom fil-kuntest wiesa' tal-Mediterran;

***Bil-ħsieb*** li nkattru ambjent mibni li joħloq sinerġija b'saħħitha u bilanċ bejn il-bini eżistenti u l-żvilupp urban ġdid ta' kwalita' għolja, u mhux żvilupp spekulattiv li ma jħarisx fit-tul;

**NISTQARRU LI MA NISTGĦUX NITTOLLERAW AKTAR IL-FALLIMENT TA' L-ISTAT**
**LI JĦARES WIRT PAJJIŻNA KIF IGGARANTIT MILL-KOSTITUZZJONI**

Għaldaqstant, nitolbu li l-Gvern jerfa' r-responsabbiltá li għandu biex iħares il-Kostituzzjoni, u qeghdin nipproponu w nesiġu:

- Li jiġi stabbilit b'urġenza inventarju pubbliku waħdieni tal-assi kulturali ta' Malta, li huma skedati, magħżula għall-iskedar, jew li jistħoqqilhom skedar, u li dan jinżamm taħt l-Att dwar Il-Wirt Kulturali, u mhux taħt l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, u li dan l-inventarju jkun jorbot fuq deċiżjonijiet ta' l-ippjanar;
- Li esperti w entitajiet attivi fil-kamp tal-ħarsien tal-wirt kulturali u tal-konservazzjoni jkunu ġenwinament involuti fit-tfassil ta' politika dwar il-proċessi leġislattivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ippjanar ta' l-iżvilupp;
- Li l-protezzjoni li joffru ż-Żoni ta' Konservazzjoni Urbana, u l-inħawi biswit dawn iż-Żoni, kif ukoll is-sinifikat ta' skedar fil-livell tat-Tieni Grad, jiġu riveduti minnufih biex verament joffru ħarsien effettiv ta' l-assi kulturali li hemm fihom, minflok dak li jissejjaħ "*facadism*", jiġifieri l-preservazzjoni ta' faċċati, b'mod falz, u t-tifrik ta' kull ma hemm warajhom, jew il-ħarsien bla sens ta' frammenti bħal niċeċ, plakek, u lavur, f'isem il-konservazzjoni;
- Li tingħata attenzjoni partikolari lill-ħarsien tax-xefaq bejn s-sema u l-linja tal-bjut ta' l-ibliet u rħula storiċi; u li l-għoli ta' l-iżvilupp permess, skond il-Pjani Lokali, ma jheddidx id-dehra mill-bogħod ta' dan il-profil;
- Li l-protezzjoni attwali, u pjuttost fjakka, li joffru ż-Żoni ta' Konservazzjoni Urbana, tissaħħaħ billi jkun hemm preżunzjoni kontra t-twaqqiegħ ta' bini, jew partijiet minnhom, jew ġonna, kif ukoll kontra bini ta' sulari fuq dawk eżistenti, sakemm ma jiġix stabbilit, b'mod ċar, li dan mhux se jikkawża aktar ħsara lill-karattru ta' l-istess Żona ta' Konservazzjoni Urbana;
- Li l-*Konvenzjoni Ewropea dwar il-Paesaġġ* (Firenze, 2000)[i] jiġi ratifikat minn Malta, mingħajr aktar dewmien;
- Li l-*Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetá* (Faro 2005)[ii] jiġi ffirmat u ratifikat minn Malta, mingħajr aktar dewmien;
- Li l-Gvern jieħu miżuri adegwati biex jassigura li minbarra l-iskavi arkeoloġiċi mħallsa mill-iżviluppaturi jkun hemm fondi biex jiġu ppubblikati r-rapporti xjentifiċi fil-qosor, kif ukoll ir-rapporti sħaħ li jiddokumentaw dak li nstab, kif mitlub mill-*Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tal-Wirt Arkaeoloġiku* (Valletta 1992)[iii], li tagħha Malta hija firmatarja;
- Li l-Gvern jipprovdi lill-aġenti tiegħu, partikolarment lis-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali, l-għodda u riżorsi meħtieġa biex iħarsu l-wirt kulturali tagħna b'mod effettiv u dewwiemi, f'qafas leġislattiv b'saħħtu;
- Li, flimkien ma skemi bħal Irrestawra Darek, ikun hemm fondi pubbliċi biex isir investiment fl-infrastruttura pubblika, inkluż fil-bankini u l-kwalita' tat-toroq, speċjalment fiż-Żoni ta' Konservazzjoni Urbana, biex dawn verament jerġgħu jingħataw il-ħajja, għall-benefiċċju soċjali tar-residenti eżistenti;
- Li jinħoloq Fond għall-Wirt Mibni, li jista' jintuża mill-istat, f'ċirkostanzi eċċezjonali, biex jintervjeni u jakkwista, bil-prezz tas-suq, siti ewlenin, li għandhom sinifikat kulturali strateġiku, biex l-istess siti jiġu restawrati u żviluppati b'mod xieraq, qabel ma jerġgħu jitpoġġew fuq is-suq, biex jagħmlu tajjeb għal parti jekk mhux il-flus kollha minfuqa, jew jintużaw għal skopijiet soċjali jew tal-komunitá.

**Valletta, 18 ta' April 2018**

**Firmatarji:**

- Kamra tal-Periti
- Din l-Art Ħelwa
- Flimkien Għal Ambjent Aħjar
- Department of Architecture and Urban Design (UoM)
- Department of Conservation and Built Heritage (UoM)
- Department of Art and Art History (UoM)
- The Archaeological Society Malta
- Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent
- ICOMOS - Malta
- Fondazzjoni Wirt Artna
- Malta Association of Professional Conservator-Restorers (MAPCo-Re)
- Wirt Għawdex
- Wirt San Gwann
- Wirt iż-Żejtun
- The Society of Architecture and Civil Engineering Students (SACES)
- EASA MALTA (European Architecture Students Assembly)
- History of Art and Fine Arts Students' Association
- Friends of Villa Frere
- Cinema Heritage Group
- Malta Underground
- Temple Rescue
- Malta ARCH

i https://rm.coe.int/1680080621

ii https://rm.coe.int/1680083746

iii https://rm.coe.int/168007bd25